# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2589

**Kaz Numru 3541/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dr. Angele Attard Chetcuti (I.D. 629681M) bhala mandatarja specjali ta' Angela Green (Passaport Ingliz Nru. 523316180)**

**u**

**Lufthansa Technik Malta Limited (C30022)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 24 t'April, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata minn Dr. Angele Attard Chetcuti bhala mandatarja specjali ta' Angela Green fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-13 ta' Marzu, 2017, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impieg taghha kienet wahda ngusta taht il-mansjoni ta' terminazzjoni sfurzata u llecita u skoretta skond il-ligi. Is-socjeta' ntimata min-naha l-ohra cahdet dawn l-allegazzjonijiet. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm disa' (9) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Angela Green li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assitenza tal-Avukati Angele Attard Chetcuti u Ian Vella Galea.

Lufthansa Technik Malta Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta' ntimata kienet rapprezentata minn Mark Galea, assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet originarjament impjegata mas-socjeta' ntimata f'Novembru 2012 bhala *Facility Manager*. F'Novembru 2014 hija kienet inghatat '*Unpaid Leave*' sabiex tkun tista' tahdem fuq progett gewwa l-Filippini mall-Lufthansa Technik Philippines. Mar-ritorn taghha Malta hija rrizenjat mill-impjieg f'Mejju 2016.

F'Awwissu 2016 hija regghet giet impjegata bhala *Project Manager* assenjata fuq progett li kellu jsir fil-Malasja. L-Appellanti kienet inghatat direzzjoni li l-progett kellu jibda f'Ottubru 2016.

Minhabba xi problemi, l-progett kien gie stallat, fejn l-Appellanti kienet mistennija tibqa' tahdem Malta. In seguito ta' dan l-izvilupp u minhabba decizjonijiet li l-Appellanti u l-familja taghha kienu lahqu hadu fosthom li zewgha kellu jirrizenja mix-xoghol, hija ddecidiet li ma tistax tibqa' tghix Malta u rrizenjat mill-impjieg f'Novembru 2016.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Angela Green** xehdet kemm permezz t'affidavit u anke 'in persona'. Hija qalet li kienet tahdem fuq bazi indefinit ma' Lufthansa Technik sa minn Novembru 2012 u dan fil-kariga ta' *Facility Manager* fejn spjegat fhiex kien jikkonsisti dan ix-xoghol. Hija qalet li f'Novembru 2014, wara stedina minn Stephan Drewes jekk kienetx interessata, kienet qablet mall-kumpanija li tiehu *assignment* fil-Filippini u dan bil-qbil li l-perjodu fuq dan l-intrigu jkun meqjus bhala *unpaid leave* u li mmedjatament wara tirritorna fil-posizzjoni li kellha mall-kumpanija. Ix-xhud qalet li l-perjodu tal-progett fil-Filippini kien gie estiz b'sitt xhur, fejn hija kienet talbet l-awtorizzazzjoni mis-socjeta' ntimata sabiex tkompli fil-Filippini. Hija qalet li nghatat tali awtorizzazzjoni izda kienet giet infurmata li minhabba din l-estensjoni kellhom jaghtu l-posizzjoni li kellha Malta lill-persuna ohra. Hija qalet li fil-fatt damet xahrejn izjed u mhux sitt xhur minhabba problemi relatati ma' sahha. Hija qalet li r-renumerazzjoni marbuta ma' l-intrigu fil-Filippini kienet sostanzjalment ahjar milli kellha fl-impjieg f'Malta u dan ghaliex il-posizzjoni kienet dik ta' konsulenta.

Ix-xhud sostniet li wara li hija rritornat mill-Filippini lejn April 2016, hija kellha laqgha ma' John Mahon *CEO* fejn giet infurmata li kien hemm tlett posizzjonijiet disponibbli u li kienu ta' *Bay Manager, NDT Specialist* u *Project Manager*. Hija tat spjegazzjoni teknika ta' x'kienu jikkonsistu d-doveri ta' kull posizzjoni. Hija qalet li kienet qablet li tkun assenjata responsabilitajiet ta' *Project Manager*. Hija sostniet li dan ghamlitu fil-waqt li wriet li ma kinitx kuntenta li l-posizzjoni ta' *Facility Manager* ma regghetx inghatat lilha kif kien originarjament miftiehem.
Ix-xhud wara rrakkontat esperjenza xejn felici ta' *workshop* fil-Germanja dwar progett li kien jindirizza xoghol li kellu jibda jsir f'Malta fuq ajruplani A380/A350.
Minhabba li n-natura tax-xoghol li nghatat ma kinitx sodisfacenti u minhabba l-fatt li hija kienet inghatat ordni sabiex tghin lill-persuna li tpoggiet fil-posizzjoni li kellha ta' *Facility Manager* (xi haga li urtata hafna) hija rrizenjat minn mas-socjeta' ntimata f'Mejju 2016. Hija qalet li dan ghamlitu permezz ta' ittra li kienet ipprezentat lill-*HR* Mark Galea. Ix-xhud sostniet li x-xoghol li nghatat mar-ritorn taghha mill-Filippini ma kienx komparabbli ma' dak li kellha qabel.
Ix-xhud kompliet li s-socjeta' ntimata offriet li terga' timpjegaha peres li s-servizzi taghha kienu mehtiega fi progett gdid gewwa l-Malasja. Ix-xhud qalet li hija accettat din l-offerta u nghatat kuntratt gdid datat 1 t'Awwissu, 2016. Ix-xhud qalet li hija kienet mgharrfa u qablet li l-progett seta' ma jsehhx. Hija qalet li fid-diskussjonijiet li kellha ma' Jorge Spoerli dan l-impjieg kien wiehed ta' kuntratt definit ghal tlett snin, fejn minkejja l-perjodu ndikat, huwa kien qalilha li probabilment dan seta' jkun ta' hames snin.
Ix-xhud kompliet li hija kienet inghatat struzzjonijiet li l-progett kellu jibda fl-1 t'Ottubrum, 2016 u wara, lejn nofs Novembru 2016 kienet avzata sabiex tippakkja u thalli l-appartament li kellha mikri sal-bidu ta' Novembru 2016 sabiex tibda fuq il-progett gewwa l-Malasja fil-15 ta' Novembru, 2016. Minhabba f'hekk f'Settembru 2016, zewgha kien irrizenja mill-impjieg li kellu. Hija qalet li s-socjeta' ntimata kienet krietilha akkomodazzjoni temporanja sakemm tmur il-Malasja. Hija kompliet li fil-frattemp zaret il-Malasja ma' zewgha sabiex ikunu jistghu jaghzlu post fejn joqoghdu waqt li jkunu hemmhekk.
Ix-xhud qalet li hija kienet marret il-Bulgaria flimkien ma' Yorks Barry u Niles Hughes ufficcjali tal-kumpanija u dan fuq xoghol konness mall-progett tal-Malasja. Ix-xhud spjegat li Barry kien '*the overall Project Manager'*.
F'dan il-kuntest hija kienet inghatat direzzjoni sabiex ma tibqax tattendi '*management meetings'* f'Malta, u ghandha tirraporta lil Yorks Barry bhala l-Kap taghha.
Ix-xhud spjegat li fil-frattemp hija ma kinitx qed taghmel xoghol konness ma' Malta izda vvjaggat diversi drabi lejn il-Bulgarija u l-Malasja in konnessjoni mall-progett riferut. Dan kien bejn Awwissu u Novembru 2016. Hija spjegat li l-ispejjez konnessi ma' dawn il-vjaggi kienet thallashom hi u kienet issib diffikultajiet sabiex tigi rimbursata minnufih, ghaliex ghall-ufficcjali ta' Lufthansa Malta hija ma kinitx taqa' taht ir-responsabilita' taghhom.

Ix-xhud stqarret li wara dan, Joerg Spoerli *Project Leader-Kuala Lumpur Project* kien infurmaha li l-progett ma kienx ser isir u li hija ma kellha l-ebda nkarigu effettiv x'taghmel mall-kumpanija.
Ix-xhud qalet li ma' din l-ahbar kienet ixxukkjata kemm minhabba l-impjieg u anke minhabba r-residenza.
Hija sostniet li hija rrizenjat minn mall-kumpanija fl-14 ta' Novembru 2016, wara l-avvenimenti li sehhew. Ix-xhud qalet li s-Sibt ta' qabel kienet iltaqghet ma' Marcus is-*CEO* il-gdid tal-Lufthansa Malta, fejn dan bhal skuza ruhu ghall-mod kif sehhew l-affarijiet u qalilha li f'Malta ma kellhiex impjieg.
Hija sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha effettivament kien *constructive dismissal* ghaliex ma setghetx tkompli tahdem mas-socjeta' ntimata wara *mismanagement* komplet tal-impjieg taghha min-naha tal-kumpanija u n-nuqqas ta' sigurta minhabba kif evolviet is-sitwazzjoni. Hija stqarret li ppruvat tilhaq ftehim bonarju dwar kumpens mall-kumpanija barra l-Qorti izda dan ma sehhx.
Ix-xhud sostniet li Jorge Spoerli kien qalilha car li apparti l-progett ta' Kuala Lumpur ma hemmx xoghol ghalija f'Malta.
Ix-xhud qalet li ma kinitx taf li wara r-rizenja taghha l-irwol li kellha fil-progett ta' Kuala Lumpur inghata lil haddiehor.
Ix-xhud qalet li fil-kuntratt li hija kellha ma' Lufthansa Malta mkien ma kien hemm referenza ghall-progett tal-Malasja.
Hija qalet li prezentament hija mpjegata ma' Train Care gewwa r-Renju Unit, fejn ilha tnax-il xahar. Hija qalet li bejn l-impjieg li kellha ma' Luthansa Malta u dan l-impjieg kienu ghaddew sitt xhur.
Ix-xhud qalet li sa mill bidu nett tal-kuntratt tax-xoghol ma' Lufthansa Malta hija minn dejjem kienet fuq xoghol tal-progett tal-Malasja u qatt ma ghamlet xoghol konness mall-operat f'Malta. Hija qalet li f'Malta ma kien hemm l-ebda persuna ohra mpjegata bhala *Project Manager.*

**Mark Galea** xehed li huwa l-*Head HR* Lufthansa Technik Malta. Huwa pprezenta kopja tar-rizenja mill-impjieg tal-Appellanti datata Mejju 2016, u kopja ta' kuntratt datat April 2016 relattiv ma' l-irwol taghha bhala *Project Manager*.
Dwar l-Appellanti, x-xhud qal li hija kienet giet impjegata ma' Lufthansa Technik Malta nhar is-6 ta' Novembru, 2012, u dan fil-posizzjoni ta' *Facility Manager*.
Huwa kompla li f'Novembru 2014, waqt li hija kienet ghadha fl-impjieg kienet intbaghtet gewwa l-Filippini sabiex tassisti lill-Lufthansa Technik Philippines jibnu estensjoni fil-facilita li tkun tista' takkomoda ajruplani A330 ghall-manutenzjoni.
Ix-xhud qal li l-Appellanti kienet talbet sena *Unpaid Leave* sabiex tkun tista' taghmel dan ix-xoghol u nghatat permess. Huwa spjega li bhala parti minn dan il-permess kienet giet miftiehma kundizzjoni li fi tmiem dan il-*leave* u meta hija tirritorna lura mhux necessarjament li l-posizzjoni li kellha tibqa' *available.* Ix-xhud qal li qabel ma skadiet din is-sena, l-Appellanti kienet talbet estensjoni tal-*leave* ghal 6 xhur ohra. Ix-xhud rega' tenna li anke din id-darba tali estensjoni

kienet giet approvata fejn regghet saret referenza li mar-ritorn taghha Malta l-kundizzjonijiet finanzjarji kienu ser jibqghu l-istess pero' ma kienx hemm garanzija li hija tibqa' tokkupa l-istess posizzjoni li kellha qabel.
Galea spjega li fit-trapass ta' l-ewwel tnax-il xahar tal-assenza tal-Appellanti, l-kumpanija kienet imliet il-posizzjoni ta' *Facility Manager* permezz ta' ingagg temporanju izda meta ntalbet u giet approvata l-estensjoni ttiehdu l-mizuri sabiex il-posizzjoni timtela b'mod permanenti.
Ix-xhud spjega li waqt li l-Appellanti kienet il-Filippini hija zammet l-appartament personali taghha u l-karozza li kienet mikrija minnha. Huwa spjega ukoll li b'sens ta' rieda tajba minkejja li hija kienet bdiet l-*unpaid leave* f'Novembru 2014 u l-kuntratt mall-Filippini beda jghodd mill- 1 ta' Jannar, 2015, xorta wahda tawha salarju ta' Novembru u Dicembru 2014 u l-*per diem allowance* daqs li kieku kienet fuq *duty travel*.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jghid li fl-2016 l-Appellanti rritornat Malta minnhabba ragunijiet personali qabel skadew is-sitt xhur estensjoni, fejn hija ltaqghet ma' Stefan Drewes *CEO* u fejn gie offrut lilha taghzel minn tlett posizzjonijiet komparabbli fejn tnejn minnhom kienu ta' natura ta' *Project Management*, ghaliex il-posizzjoni ta' *Facility Manager* ma kinitx ghadha disponibbli.
Ix-xhud kompla li l-Appellanti ghazlet il-posizzjoni ta' *Project Manager*, li kien allaccat ma' progett li kien intenzjonat li jintroduci manutenzjoni fuq l-ajruplani A380 u A350. Huwa spjega li l-progett kien fil-fazi inizjali tieghu u certu neccessitajiet kienu ghadhom mhux cari.
Huwa spjega li wara xi xahrejn / tlett xhur l-Appellanti ddecidiet li tirrizenja. Hija ghamlet dan permezz ta' ittra datata 16 ta' Mejju, 2016, bl-ahhar gurnata ta' xoghol tkun l-10 ta' Gunju 2016.
Ix-xhud kompla li waqt li l-Appellanti kienet qed tahdem in-*notice period* hija kienet giet avvicinata minn Yorks Berry dwar jekk hija kinitx interessata fil-posizzjoni ta' *Project Manager*, bil-*posting* ikun fil-Malasja. Bil-kuntratt gdid ta' xoghol ikollu l-bidu tieghu 1 t'Awwissu, 2016, kompla ix-xhud. Galea stqarr li bejn Gunju u Awwissu 2016 l-Appellanti ma thallsitx u dan ghaliex hija ma kinitx impjegata ma' Lufthansa Technik Malta.
Ix-xhud spjega li l-impjieg b'terminu indefinit gdid li rega' nghata lill-Appellanti kien inbeda f'Awwissu 2016 u dan bil-fehma li hija tkun isservi bhala *Project Manager* fil-Malasja.

Huwa kompla jispjega li l-progett tal-Malasja kien wiehed ta' studju dwar il-fattibilita li tinfetah facilita hemmhekk u li jekk din tkun fin-negattiv hija xorta kienet ser tibqa' mpjegata ta' Lufthansa Technik Malta. Ix-xhud sahaq li huwa kien gharraf b'dan id-dettall lill-Appellanti.
Ix-xhud wara ghadda sabiex spjega t-teknikalitajiet ta' kif ikunu esegwiti l-proceduri ta' ingagg minn dan it-tip fejn minkejja li f'dan il-kaz il-kuntratt kien wiehed Malti, il-prosegwiment fir-rigward ta' kundizzjonijiet tax-xoghol bhal

hlas ta' salarji, ta' akkomodazzjoni u spejjez ohra jkunu ttrattati mill-*HR* Centrali gewwa Hamburg. Ix-xhud qal ukoll li qabel jinbeda x-xoghol propju l-impjegat f'dan il-kaz l-Appellanti tintbghat zjara ta' orjentazzjoni fil-Malasja, bl-ispejjez jithallsu minn Malta. Huwa kompla li l-Appellanti fil-fatt hadet l-injezzjonijiet rikjesti u marret ghal din iz-zjara ta' orjentazzjoni ma' zewgha lejn Ottubru / Novembru 2016.
Ix-xhud kompla li l-Appellanti kellha ufficcju Malta u marret diversi drabi fil-Malasja u f'Sofia l-Bulgarija peress li Yorks Berry kien ibbazat hemmhekk.
Ix-xhud spjega li dan il-progett kien ser ikun *Joint Venture* mall-Malaysian Airlines.
Ix-xhud kompla billi ta dettalji ta' diffikultajiet iffaccjati u li minhabba fihom il-progett kien ser ikollu ritardjar magguri. Huwa spjega li dan wassal ghat-tieni rizenja tal-Appellanti. Huwa qal li tul dan il-perjodu kollu hija kienet qed tkun imhallsa minn Lufthansa Technik Malta peress li hija kienet ghadha ma nghatatx l-ittra tal-*assignment* konfermata. Ix-xhud kompla li dan minhabba li l-progett per se kien ghadu mhux konfermat.
Ix-xhud spjega li matul dan iz-zmien il-kuntratt tal-kera tal-akkomodazzjoni tal-Appellanti kien ser jiskadi, fejn allura nkrielha appartament iehor spejjez ghall-kumpanija, u dan ghaliex sa dak iz-zmien li hija rrizenjat it-tieni darba u cjoe' Novembru 2016, il-kumpanija kienet tal-fehma li l-progett kien ser isehh.
Ix-xhud spjega li wara li hija rrizenjat xogholha kien tkompla minn haddiehor u kien propju xi xahrejn wara r-rizenja taghha li l-progett kien gie abortit.
Ix-xhud ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li l-kumpanija baqghet thallas il-kera tal-appartament anke wara li rrizenjat sabiex ikollha cans tissetilja u fejn anke hallset ghall-ispejjez tat-trasport tal-affarijiet taghha sabiex ikunu mwassla fir-Renju Unit. Huwa sahaq li kieku hija ma rrizenjatx, l-impjieg taghha kien ikun ghadu attiv.

**Marcus Motschenbacher** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa *CEO* ta' Lufthansa Malta u dan sa minn Awwissu 2016. Huwa stqarr li meta huwa gie Malta, l-Appellanti kienet diga' mpjegata mall-kumpanija. Huwa qal li ftit kellu kuntatt mall-Appellanti u dan ghaliex hija kienet okkupata fil-progett tal-Malasja. Progett spjega x-xhud li ma kienx wiehed xprunat minn Malta izda minn varji *networks* tal-Lufthansa Group, u fejn l-Appellanti kienet l-unika mpjegata minn Malta minn fost bosta participanti fil-progett.
Huwa kompla li l-*core team* tal-progett kien jikkonsisti minn 6 persuni u li l-Appellanti kienet wahda minnhom.
Ix-xhud qal li l-progett gie dikjarat 'mejjet' sitt xhur wara li l-Appellanti kienet irrizenjat mill-impjieg u cjoe' fil-bidu ta' Mejju 2017. Ix-xhud stqarr li l-hames membri l-ohra tal-*core group* ghadhom fl-impjieg. Ix-xhud insista li hadd qatt ma wassal xi messagg lill-Appellanti li jekk il-progett tal-Malasja ma jsehhx hija ser titlef l-impjieg taghha gewwa Malta.

Ix-xhud kompla li nhar is-Sibt 12 ta' Novembru, 2016, iltaqa' mall-Appellanti u kellimha kemm dwar is-sitwazzjoni tal-progett u dwar l-intenzjoni ferma taghha li tirrizenja mill-impjieg taghha f'Malta. Ix-xhud qal li fil-laqgha l-Appellanti wriet sens ta' frustrazzjoni u bdiet rakkonti dwar x'sehh sentejn qabel u dan fil-kuntest tar-ritorn taghha mill-Filippini. Huwa qal li hija kienet qaltlu li ma tarax futur fl-impjieg taghha ma' Lufthansa Malta jew li tistenna ghall-progett iehor. Huwa stqarr li kienet determinata li tmur fir-Renju Unit, tant li kienet semmiet li ser titlaq minn Malta t-Tlieta, erbat ijiem wara. Ix-xhud qal li waqt il-laqgha fl-isfond tad-determinazzjoni taghha li tirrizenja kien kellem lill-Appellanti fis-sens li tistenna aktar zviluppi fil-progett tal-Malasja, u li l-kumpanija minn zmien ghal zmien ikollha progetti ohra. Ix-xhud tenna li kieku hija ma rrizenjatx hija kienet tibqa' tidhol ghax-xoghol fl-ufficcju taghha b'mod normali u fl-ambitu tas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha l-progett kien jitkellem ma' Yorks Berry dwar xoghol li setghet tinghata. Huwa qal li hija kienet tibqa' tgawdi l-kundizzjonijiet li kellha skont il-kuntratt li kellha bhala *Project Manager*.

**Stefan Drewes** beda x-xhieda tieghu billi qal li bejn Settembru 2011 u Lulju 2016 kien jokkupa l-kariga ta' *CEO* ma' Lufthansa Technik Malta u wara inhatar *Chaiman* ta' l-istess entita. Huwa qal li jaf lill-Appellanti peress li fl-2012 hija kienet giet intrigata tillidja l-*Facility Department* sabiex taghmel it-tibdiliet necessarji sabiex id-dipartiment jimmeljora l-funzjoni tieghu. Huwa spjega li fl-2013 l-Appellanti flimkien ma' Lorraine Xuereb kienu wettqu b'success progett ta' bini / estensjoni ta' wiehed mill-hangars f'Malta. Dan sar maghruf minn Lufthansa Technik Philippines li ukoll kienu ser iwettqu progett simili fuq *A380 Hangar* fejn bdew ifittxu persuna li tkun kapaci tillijdja dan ix-xoghol.
Wara huwa spjega fid-dettall it-tahdidiet li saru kemm bejn iz-zewg kumpaniji u anke mall-Appellanti sabiex hija setghet tigi ngaggata fuq dan ix-xoghol a bazi ta' kuntratt ta' konsulenza u li matulu hija tkun fuq *unpaid leave* minn ma' Lufthansa Technik Malta. Ix-xhud spjega li f'Jannar 2015 hija bdiet fuq dan il-kuntratt fuq sena *unpaid leave*, u dan bil-fehma li mar-ritorn taghha wara sena hija terga' ghall-istess posizzjoni li kellha.

Ix-xhud kompla li dan ix-xoghol kien miexi b'sucess tant li f'Novembru 2015 kellhom talba min-naha Filippina sabiex ikollha l-kuntratt estiz. Ix-xhud stqarr li kien tkellem mall-Appellanti dwar dan fejn gharrafa li fl-assenza taghha l-funzjoni li hija kienet taghmel f'Malta kienet qed issir b'mod temporanju minn Lorraine Xuereb u f'kaz li hija (l-Appellanti) kienet ser testendi x-xoghol fil-Filippini, Xuereb kienet tinghata l-kariga b'mod permanenti u mar-ritorn taghha f'Malta jinstabilha (lill-Appellanti) xoghol addattat bl-istess kundizzjonijiet ta' xoghol. Huwa qal li l-Appellanti accettat dan u Xuereb inghatat il-hatra xahrejn u nofs wara li kien sar dan il-kollokju mall-Appellanti.

Ix-xhud kompla li fl-ewwel kwart tat-2016 l-Appellanti waqfet mix-xoghol taghha fil-Filippini minhabba ragunijiet ta' sahha u min-naha ta' Lufthansa Malta mmedjatament ghamlu kuntatt maghha sabiex meta thossha tajba, jibdew jitkellmu sabiex terga' tibda tahdem maghhom kemm jista' jkun malajr halli hija ma tibqax fuq l-*unpaid leave* allura bla salarju. Ix-xhud kompla li f'diskursata esploratorja li kellu maghha, kien offrut lilha zewg funzjonijiet, dik ta' *Bay Manager* anke jekk forsi ma kellhiex il-hiliet teknici necessarji li pero' seta' jkollha wara tahrig adekwata u dik ta' *Project Manager* fl-introduzzjoni ta' l-A350. Huwa stqarr li mill-esperjenza tieghu l-Appellanti kellha l-hiliet necessarji sabiex taqdi din t-tieni posizzjoni. Fil-fatt kompla x-xhud hija ghazlet din il-funzjoni li bdieta f'April 2016. Ix-xhud kompla li xi xahar u nofs wara li l-Appellanti qabdet din il-funzjoni hija nfurmat bl-intenzjoni li tirrizenja mill-impjieg taghha minn mall-kumpanija. Huwa qal li xi zmien qasir wara f'diskursata li kellu maghha, hija fissret xi diffikultajiet, huwa qal li kien spjegalha li dawn setghu jigu rrangati ghaliex huwa xtaq li hija tibqa' tahdem maghhom. Pero' kompla x-xhud, hija baqghet tal-fehma li tirrizenja. Huwa tenna li l-progett tal-A350 tlesta lejn Ottubru 2018.
Ix-xhud kompla li xi zmien qasir wara li hija kienet irrizenjat, kien sar konxju li Lufthansa Technik (*mother company*) kienet qed tesplora *joint venture* fil-Malasja ma' sieheb strategiku. Huwa qal li Jorge Spoerli li kien jaf li l-Appellanti kienet irrizenjat mill-impjieg taghha kien tkellem mieghu lejn kmieni f'Gunju 2016 dwar jekk hija setghetx taccetta li tissieheb f'dan il-progett u dan peres li kemm hu u anke x-xhud kellhom stima tajba tal-hiliet taghha.
Mistoqsi mit-Tribunal jekk meta l-Appellanti bdiet fuq il-progett tal-Malasja kinitx ghadha mpjegata ma' Lufthansa Technik Malta, x-xhud wiegeb li hija kienet irrizenjat f'Mejju 2016 u regghet giet impjegata fuq kuntratt differenti f'Awwissu 2016. Ix-xhud spjega li l-ewwel kuntratt li kellha kien dwar il-posizzjoni ta' *Facility Manager* u filwaqt li t-tieni wiehed kien dwar progetti li hija kellha tahdem fuqhom. Ix-xhud ghamilha cara li t-tieni mpjieg taghha mall-kumpanija sehh wara li hija kienet irrizenjat mill-ewwel impjieg.

**Jorge Spoerli** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa mpjegat ma' Lufthansa Technik u prezentament assenjat fil-Bulgarija. Huwa qal li jaf lill-Appellanti meta kien qed jillidja l-progett ta' Kwala Lumpur, fejn parti mill-progett kien li ssir rikostruzzjoni ta' *hangar* fl-ajruport ta' dik il-belt.
Huwa stqarr li peress li kien jaf li l-Appellanti kellha esperjenza f'tali xoghol kien ikkuntattja lil Drewes sabiex jara jekk hija hiex disposta tahdem maghhom peress li kien jaf li kienet irrizenjat mill-impjieg. Huwa kompla li Drewes kien posittiv fir-rispons tieghu, fejn filwaqt li fahhar il-hiliet taghha kien qallu wkoll li kien dispjacut li hija kienet irrizenjat minn maghhom. Ix-xhud stqarr ukoll li Drewes kien qallu li kien ser ikellimha hu u wara jirranga sabiex hu (x-xhud) jiltaqa' maghha halli jiddiskutu b'mod ufficcjali.

Ix-xhud tenna li l-Appellanti kienet taf li minkejja li l-progett kien approvat kemm min-naha ta' Lufthansa Technik u anke min-naha tal-Malaysian Airlines, l-iffinalizzar tal-progett kien ghadu qed jigi negozjat bejn il-partijiet. Ix-xhud kompla li laqghat dwar l-andament ta' dan il-progett kienu jsiru f'Sofia fejn kien stazzjonat hu u dan peress li l-membri tat-*team* kienu bazati f'pajjizi varji. Qal ukoll li anke kienu marru flimkien fi Kuala Lumpur. Huwa stqarr li l-Appellanti kienet impjegata ta' Lufthansa Technik Malta. Huwa qal ukoll li hija bdiet fuq dan il-progett f'Lulju u telqet b'sorpriza f'Novembru 2016. Ix-xhud qal li x-xoghol fuq il-progett kompla sakemm f'Mejju 2017 kienu ircevew minghand il-Malaysian Airlines li minhabba konsiderazzjonijiet strategici l-progett kien ser jigi abbandunat. Ix-xhud kompla li minkejja li f'Ottubru kienu ltaqghu b'mod inkoragganti mas-*CEO*, fl-10 ta' Novembru, 2016, min-naha Malasjana kienu konfrontati b'tabliet ghal tibdiliet fil-kuntratti u anke b'persuni godda min-naha taghhom fit-*team.* Huwa stqarr li kienet haga cara li l-mira li f'Jannar 2017 ix-xoghol seta' jinbeda fuq il-lant fi Kuala Lumpur ma kinitx ser tintlahaq. Ix-xhud qal li huwa kien ingieb konxju mill-Appellanti dwar xi diffikultajiet li kellha dwar iz-zamma tal-akkomodazzjoni privata taghha f'Malta, fejn huwa spjega li hija kienet giet offruta akkomodazzjoni f'Malta a spejjez tal-kumpanija sakemm tigi allokata fi Kuala Lumpur.
Ix-xhud stqarr li huwa kien informa lill-Appellanti dwar dan il-posponiment tal-inizjalar tal-progett permezz ta' *memo,* u b'mod sorprendenti saghtejn wara kienet cemplitlu l-Appellanti fejn infurmatu li kellha l-hsieb li tirrizenja, ghaliex ma setghetx tghix aktar f'dik l-incertezza.
Huwa qal li kien talabha tikkonsidra l-posizzjoni ghaliex il-gimgha ta' wara kien ser imur Hamburg sabiex jiddiskuti s-sitwazzjoni ma' ufficcjali gholja ta' Lufthansa Technik, fejn anke weghda li kien ser jitkellem mall-ufficcjali f'Malta sabiex tinghata mpenji ohra sakemm il-progett fil-Malasja jerga' jaqbad ir-ritmu. Huwa stqarr li hija ma kinitx disposta titkellem.

Ix-xhud qal li huwa kien inform lil Marcus Muchenbacher CEO dwar l-intenzjoni tal-Appellanti li tirrizenja. Ix-xhud kompla li dan min-naha tieghu kien tkellem mall-Appellanti fejn semmietlu dwar possibilitajiet ta' xoghol alternattiv setghet tinghata f'Malta sakemm il-progett ta' Malasja jerga' jattiva.
Ix-xhud qal li Muchenbacher ma hax pjacir li huwa (x-xhud) kien wieghed dan lill-Appellanti ghaliex dan ma kienx kompitu tieghu peress li huwa (x-xhud) ma kienx jaghmel parti minn LTM. Ix-xhud qal li Muchenbacher kien qallu li fid-diskursata li kellu mall-Appellanti hija kienet rizoluta li tirrizenja.
Ix-xhud tenna illi anke f'dik is-sitwazzjoni l-Appellanti setghet tibqa' taghmel xoghol f'Malta in konnessjoni mall-progett tal-Malasja.
Ix-xhud stqarr li tali dewmien fil-progett ma kienx ser ikollu effetti negattivi fuq il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha. F'dan il-kuntest huwa stqarr li l-membri kollha tat-*team* inghataw posizzjonijiet godda wara l-abbandun ta' dan il-progett. Ix-xhud kompla li fit-tama li l-progett kien ser isehh kif ippjanat huma kienu hadu

l-injezzjonijiet necessarji u anke kienu ghamlu l-arrangamenti sabiex il-membri tat-team jaghmlu zjara ta' orjentazzjoni fi Kuala Lumpur. Dan sar anke mill-Appellanti fejn zaret il-Malasja flimkien ma' zewgha u dan bi spejjez imhallsa mill-kumpanija. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li kien ingieb konxju mill-Appellanti li kellha xi diffikultajiet sabiex tkun rimbursata ta' l-ispejjez li ghamlet izda wara ntervent min-naha tieghu tali hlas li kien jammonta aktar min elf ewro sar wara aktar minn xahar.
Huwa tenna li f'Novembru 2016 kienet sorpriza kbira ghalih meta saghtejn biss wara t-telefonata tieghu hija kienet cemplitlu fejn gharrfitu bir-rizenja, dan ghaliex kien cert li bhal ma nstabet soluzzjoni tajba ghal kull membru tat-*team* hekk kien isir maghha.
Ix-xhud qal li kien iddispjacut li hija rrizenjat mill-progett ghaliex kien jaraha bhala mpjegata valida, tant li stqarr li kellu jghaddi xahar sakemm giet ingaggata persuna minflokha.

## Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz

**Avv. Ian Vella Galea** ghan-nom tal-Appellanti beda biex ta rendikont tal-avvenimeti kif sehhew u li wasslu ghar-rizenja tal-Appellanti mill-ewwel impjieg illi hija kellha mas-socjeta' ntimata, liema mpjieg kien bejn Novembru 2012 u Mejju 2016.
Dr. Vella Galea wara ghadda ghat-tieni mpjieg taghha bhala *Project Manager* mall-kumpanija u li kien nbeda f'Awwissu 2016. Huwa spjega kif fil-kuntratt ta' dan l-ingagg, kien specifikatament relatat ma' progett gewwa l-Malasja, fejn l-Appellanti kellha tirreloka.
Dr. Vella Galea sostna li l-avvenimenti li wasslu ghar-rizenja mill-impjieg min-naha tal-Appellanti kienu inizjalati minn telefonata li kien ghamel Jeorg Spoeri lill-Appellanti nhar l-10 ta' Novembru, 2016, fejn kien gharrafa li n-negozjati sabiex isir il-progett fallew. Huwa ghamel referenza ghat-testimonjanza ta' Spoeri waqt dan il-process, fejn kien qal li Marcus Motschenbacher *CEO* Lufthansa Malta ma kienx ha gost li huwa (Spoeri) kien weghda li kien ser isibilha rwol ohra waqt li l-kumpanija tiddeciedi jekk hux ser tkompli jew le bil-progett. Huwa ghamel ukoll referenza ghal-laqgha li Motschenbacher kellu mall-Appellanti nhar it-12 ta' Novembru, 2016, (jumejn qabel ir-rizenja) fejn huwa kien qalilha li sa dak il-mument ma kellux rwol x'joffrilha.
Dr. Vella Galea qal li l-Appellanti kienet ser tispicca minghajr akkomodazzjoni ghaliex hija kienet inghatat struzzjonijiet sabiex thalli r-residenza fejn kienet qed toqghod fis-16 ta' Novembru, 2016.
Huwa qal li kagun ta' dawn l-episodji l-hajja tal-appellanti inqalbet ta' taht fuq, fejn ma kellhiex *job* f'Malta, ma kellhiex akkomodazzjoni fejn tghix, u fejn zewgha kellu jirrizenja mill-impjieg tieghu peress li kienu ser imorru jghixu fil-Malasja.

Dr. Vella Galea sahaq illi l-kumpanija naqset mid-dover taghha li tindokra lill-Appellanti kif mistenni, fejn ma giex offrut impjieg effettiv u ma gietx offruta b'arrangamenti ghall-akkomodazzjoni f'Malta, peress li l-arrangamenti li kellha kienu jkopru biss ftit gimghat in vista li hija kellha tmur il-Malasja.
Dr. Vella Galea ghalaq billi nsista li l-kumpanija ma aggixietx b'fedelta fl-esekuzzjoni tal-kuntratt tax-xoghol ta' Awwissu 2016 u konsegwenza ta' hekk l-Appellanti ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tirrezenja.

**Avv. Andrew Borg Cardona** ghan-nom tas-socjeta' ntimata beda billi qal li sabiex il-kaz kellu jkun ikkunsidrat bhala rizenja sforzata kellhom jingiebu provi min-naha tal-Appellanti li l-kumpanija agixxiet bi ksur materjali ta' xi provediment tal-kuntratt tax-xoghol jew tal-ligi u li kien agixxa b'xi mod li rrenda l-hajja lavorattiva tal-Appellanti tant illi ma setghetx ragonevolment tibqa' fl-impjieg. Huwa sostna li matul dan il-process tali provi ma ngiebux.
Dr. Borg Cardona sahaq li matul dan il-process, l-Appellanti bbazat hafna mill-argumenti taghha mibnijin fuq fatti li kienu jirrelataw ma' l-ewwel impjieg li hija kellha, mentri dan il-process jirrelata mat-tieni mpjieg illi hija kellha mall-kumpanija.
Dr. Borg Cardona nsista li ma ngiebet l-ebda prova li l-kumpanija gabet ruhha b'mod intollerabbli fil-konfront tal-Appellanti. Huwa sostna li hadd qatt ma ta lill-Appellanti x'tifhem li minhabba d-dewmien tal-progett fil-Malasja l-impjieg taghha b'xi mod kien ser ikun perikolat. Huwa sostna ukoll li l-kumpanija kif dejjem ghamlet kienet ser tiehu hsieb li tghin lill-Appellanti f'kull diffikulta tranzitorja, kif taghmel ma' kullhadd.
Huwa ghalaq billi qal li mhux tort tal-kumpanija li dak li xtaqet l-Appellanti, li tmur tahdem fil-Malasja ma sehhx. Biex dan it-tort jinghata lill-kumpanija tenna Dr. Borg Cardona, kellu jkun ippruvat illi l-kumpanija farrket il-progett tal-Malasja sabiex jehilsu minnha. Haga ghal kollox redikola temm jghid l-Avukat ghaliex fi kwalunkwe kaz l-Appellanti kienet ser tibqa' fl-impjieg.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu, dan it-Tribunal fela' bir-reqqa dovuta d-dokumenti kollha provduti, x-xhieda kollha li nstemghet matul dan il-process u evalwa kif xieraq l-argumenti mqajjma miz-zewg partijiet. Dan fl-inkwadratura sabiex ikun stabbilit jekk ir-rizenja formali li tat l-Appellanti kinitx wahda forzata minn xi agir mhux gust min-naha tas-socjeta' ntimata (*Reasonableness Test*) u jew agir li jkun jirrispekkja affarijiet li fihom infushom jesponu ksur fundamentali tal-kuntratt tal-impjieg u l-intenzjoni tal-*employer* illi ma jridx jibqa' jonora certu termini tal-kuntratt tal-impjieg (*Contractual/Entitlement Test*).

Dan it-Tribunal jinnota li filwaqt li min-naha tal-Appellanti sar acenn qawwi dwar dak li sehh madwar l-ewwel rizenja taghha mill-impjieg mas-socjeta'

ntimata u li fil-fehma taghha kienet sehhet '*due to unsatisfactory nature of work assigned to me*', hija accettat minghajr esitazzjoni li tkun ri-impjegata ma' l-istess kumpanija ftit tax-xhur wara.

Dan it-Tribunal jinnota ukoll li sa mill-bidu nett l-Appellanti kienet mgharrfa sew li l-inizjalar propju tal-progett fil-Malasja seta' jkun ritardjat, li pero' ma xekklux lis-socjeta' ntimata milli tibqa' ghaddejja bil-preparazzjonijiet necessarji, nkluz li hallset mill-fondi taghha zjara ta' orjentazzjoni lill-Appellanti fl-istess Malasja. Inizjattivi li minnhom infushom jindikaw li s-socjeta' ntimata kellha kull interess li l-progett isehh.

Dan it-Tribunal ingieb konxju li wara r-rizenja tal-Appellanti, l-progett fil-Malasja kien ghadu attivat anke jekk b'certu skossi tant li d-doveri li kienet taghmel hi baqghu jsiru minn impjegati ohra.

Dan it-Tribunal jirrikonoxxi li l-istallar fil-progress tal-inizjalar tal-progett seta' ppreokkupa lill-Appellanti fir-rigward ta' decizjonijiet li kellha tiehu u li kienu ta' natura personali, pero' minn dak li hareg matul dan il-process, fl-ebda mumenti ma kellha xi ndikazzjoni li tali nuqqas ta' progress fl-inizjalar tal-progett kien ser ifisser xi tnaqqis fil-kundizzjonijniet tax-xoghol taghha jew a dirittura li kien qed jimminaccja l-impjieg taghha.

Dan it-Tribunal jaghraf li filwaqt li l-Appellanti tefghet ir-rizenja taghha f'Novembru 2016, il-progett gie dikjarat bhala abbandunat f'Mejju 2017.

Dan it-Tribunal jaghraf ukoll li hadd mill-kumplament tal-membri tat-*team* li kienu assenjati fuq il-progett tal-Malasja u li baqghu jahdmu fuqu sakemm gie dikjarat bhala abbandunat ma tilef l-impjieg tieghu minn mall-kumpanija wara dan l-avveniment.

Fil-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal matul dan il-process ma giet esposta l-ebda prova konkreta li l-*management* tas-socjeta' ntimata b'mod intenzjonat wettaq jew impona xi mizura li minhabba fiha l-Appellanti ma setghetx tkompli fl-impjieg taghha. L-Appellanti ghagglet wisq fid-decizjoni taghha li tirrizenja.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal ma giex konvint li l-kaz jittratta terminazzjoni forzata u ghaldqastant jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kienx jikkostitwixxi '*constructive dismissal*'.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**